MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

Onor Etienne Grech
Chairman tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali
Parlament ta' Malta
Valletta

Illum 7 ta' Frar 2020

Għaziz Onorevoli Dr Grech,

Skont l-artikolu 35(3) (d) tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap. 492 tal-Liġijiet ta' Malta), is-sottoskritt qiegħed ġentilment jitlob, permezz ta' din l-ittra, l-approvazzjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali rigward it-twaqqif tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat magħmul minn dawn il-membri li ġew nominati kif ġej:

Erba' (4) membri li ġew nominati mill-Ministru minn fost is-settur tal-volontarjat f'Malta wara li ssottomettew in-nomini tagħhom sussegwentement għal sejħa pubblika. Dawn ġew nominati kif ġej:

(i) membru biex jirrappreżenta lill-fondaturi u lid-donaturi tal-organizzazzjonijiet volontarji:
Is-Sur Damien Attard – Right 2 Smile.

(ii) membru biex jirrappreżenta lill-membri tal-organizzazzjonijiet volontarji u lill-voluntiera:
Is-Sa Doris Bingley – Kunsill Nazzjonali tan-Nisa.

(iii) membru biex jirrappreżenta lill-amministraturi tal-organizzazzjonijiet volontarji:
Is-Sa Laura Cunningham – Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Sportivi.

(iv) membru biex jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet barranin u internazzjonali:
Is-Sur Edward Gruppetta – Soċjetà tas-Salib l-Aħmar.

Barra minn hekk, ma' din l-ittra qiegħda tiġi wkoll annessa *curriculum vitae* dwar kull membru li ġie nominat, kif imsemmi hawn qabel, rispettivament.

Tislijiet

Hon Ministru Owen Bonnici
Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

t + 356 2598 2840 e education@gov.mt | www.education.gov.mt